MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 594/2001/1

**Albert Degiorgio**

**vs**

**Loris Bianchi u b'digriet tal-15 ta' Novembru tas-sena 2001 jizdiedu fl-okkju "proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti ohtu" u Suor Veronica (Carmen) Bianchi.**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz datat id-19 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandux ikunu dikjarat u deciz minn din il-qorti:

1. Illi l-attur kien minn dejjem cioe' mill-1984 sallum jokkupa l-fond Flat 4, Numru 5, Triq l-Merkanti, il-Belt bhala r-residenza ordinarja tieghu liema flat qabel dahal l-attur kien mikri lill-familja Spiteri;

2. Ghal fini ta' kompetenza l-kera tal-fond huwa ta' LM200 (mitejn lira Maltin ) fis-sena;

3. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' zewg rikorsi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti (mhux kif erroneament indikati fl-istess nota), eccepew is-segwenti:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur peress:

1. Illi in limine litis, stante li l-konvenuta Suor Veronica (Carmen) Bianchi hija assenti minn Malta, l-proceduri odjerni istitwiti mill-attur m'humiex konformi mal-Ligi;

2. Illi l-avviz odjern huwa irritu billi ma jirrizultax mill-avviz x'bi hsiebu jakkwista l-attur bid-dikjarazzjoni li qed jitlob dina l-Qorti li taghmel. L-eccipjent nghata x'jifhem li qed jistitwixxi dawn il-proceduri sabiex jiffrustra l-ezekuzzjoni ta' sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet inversi li llum tikkostitwixxi 'res judicata', u kwindi, jekk dan huwa l-kaz, il-proceduri odjerni huma xejn hlief abbus tal-process;

3. Illi subordinarjament u fil-meritu, m'huwiex minnu li l-attur kien jokkupa l-Flat 4, Numru 5, Triq il-Merkanti, il-Belt, Valletta izda l-flat ossija l-appartament numru tlieta (3) fil-blokk numru hamsa (5), Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumentazzjoni kopjuza esebita inkluza n-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti datata l-21 ta' Mejju tas-sena 2002;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur ilu jirrisjedi fil-fond Flat 4, Numru 5, Triq il-Merkanti l-Belt mill-1984 kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni kopjuza pprezentata;

2. Illi l-attur jokkupa l-imsemmi fond b'titolu ta' kera u hallas il-kanone relevanti lill-konvenut;

3. Illi fil-blokk ta' appartamenti in dizamina jirrizulta li hemm appartament minnhom li kien uzat minn professjonisti li ghal kumdita' taghhom u bil-bona volonta' tal-proprjetarju qasmu l-istess appartament;

4. Illi konsegwentement l-enumerazzjoni ta' l-appartament giet effettwata;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ilu mill-1984 jirrisjedi fil-fond minnu ndikat fl-avviz odjern u kwalunkwe dizgwid li jirrizulta jirrisali ghall-fatt li appartament minnhom inqasam fi tnejn separati li izda l-proprjetarju jirrizulta konsapevoli ta' dan;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li l-attur Albert Degiorgio kien jokkupa l-fond Flat 4, Numru 5, Triq il-

Merkanti, il-Belt mill-1984 bhala residenza ordinarja tieghu, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravji kemm ta’ indoli procedurali kif ukoll fil-meritu. Huwa jillanja illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox it-tieni eccezzjoni tieghu dwar in-nuqqas ta’ interess guridiku u li dippju, fil-meritu, l-ewwel Qorti ikkonkludiet skorrettement li l-appellat qed jokkupa l-flat numru erbgha (4) meta dan ma huwiex minnu u minkejja li l-provi prodotti juru mod iehor.

Ghal dawn il-kontestazzjonijiet tal-konvenut appellant l-attur wiegeb illi kwantu ghall-eccezzjoni tal-karenza ta’ l-interess guridiku l-ewwel Qorti kienet korretta tichadha ghaliex il-prova tal-interess f’kawza dikjaratorja irrizultat mill-provi dimostrattivi tal-fatt li hu minn dejjem kien jikri l-appartament Numru erbgha, u ghalhekk il-kawza tal-izgumbrament li tirreferi ghal flat tlieta (3) ma setghetx tapplika ghalih.

Kwantu ghall-aggravji fil-meritu l-appellat issottometta illi l-ewwel Qorti attribwit kredibilita` lill-provi tieghu, kif korroborati b’dokumenti.

Bir-rispett kollu versu l-ewwel Qorti din il-Qorti sensibilment thoss li ghandha qabel kull ezami tal-aggravji taghmel din l-osservazzjoni. Wara li rriflettiet bosta fuq il-materja ma thossx li tista` taqbel ma’ certa metodologija kif jigu konfezzjonati uhud mid-decizjonijiet.

Huwa minnu li l-Qrati ta’ gurisdizzjoni civili inferjuri ghandhom imexxu l-kawzi sommarjament u bl-akbar heffa kompatibbli mal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan imma ma ghandux ifisser illi ghandhom jigu accettati deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u l-konsiderandi tal-provi kollha attinenti. Sostanzjalment, imbaghad, il-Qorti hi fid-dover li tokkupa ruhha mill-kwestjonijiet kollha sollevati quddiemha, kompriz allura d-difizi totali tal-parti avversa fil-gudizzju.

Il-kaz prezenti ippreokkupa lil din il-Qorti mhux ftit kemm ghax fl-ahhar mill-ahhar jirreduci ruhu ghall-kwestjoni ta' kredibilita` li fic-cirkostanzi hi pjuttost spinuza, kemm ghaliex ukoll, minn ezami tas-sentenza appellata, jirrizultalha illi verament l-ewwel Qorti naqset milli tinvesti l-kwestjoni tan-nuqqas ta' l-interess guridiku, ampjament dibattut mill-konvenut fin-Nota ta' sottomissjonijiet tieghu (fol 294) u naqset ukoll milli tokkupa ruhha minn bosta provi ohra rinvenuti fl-atti processwali.

Il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li dawn sfuggew ghal kollox l-attenzjoni tal-ewwel Qorti meta din giet biex tirrediegi s-sentenza, mhiex f'posizzjoni li tghid ezattament x'gara. Jezistu pero` indikaturi sufficjenti illi s-sentenza inghatat mhux fuq il-bazi tal-provi kollha li kienu in atti u li inoltre din naqset milli titratta u tirrisolvi l-eccezzjoni meritu tal-ewwel aggravju.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ghandha x-xelta ta' wahda minn dawn iz-zewg opzjonijiet. Jew li tannulla s-sentenza jew li tikkonsidra hi stess l-eccezzjoni u l-meritu. Fil-fehma taghha l-Qorti thoss li hu aktar konsiljabbli li tidderimi hi stess din l-eccezzjoni, in kwantu din tidher l-aktar opportuna ghall-ekonomija fil-kawza u risparm taz-zmien u spejjez. Dan dedott iwassal ghall-konsiderazzjoni tal-aggravju sottomess.

Indipendentement ghalissa mill-motiv li nduca lill-attur jippromuovi l-azzjoni tieghu u bil-mod kif progettata minnu, jinsab sekolarment assodat, minn din l-enuncjazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Novembru 1869, fuq l-awtorita` tal-kummentaturi tal-Codice di Procedura Sardo u tad-Dritt Municepali, illi "non sono vietate le domande dirette ad ottenere una semplice dichiarazione della esistenza d'un proprio diritto" – "**Conte Gio. Francesco Sant –vs-Marchese Gio. Paolo Testaferrata Olivier**" (Vol V pagna 203).

Dan premess ifisser illi d-domanda kif formulata mill-attur hi maghmula tajjeb, in kwantu ma hemmx bzonn li tintalab dejjem kundanna. Naturalment "min jistitwixxi l-azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt li jkun qieghed jigi vjolat; u li dan id-

dritt biex ikun jista' jigi vantat u ezercitat hemm bzonn li jkun ta' natura guridika, u konsegwentement apprezzabbli civilment" – "**Elena Bilocca –vs- Vincenza Saliba**", Prim'Awla, Qorti Civili, 1 ta' Frar 1951; "**Joseph Grech –vs- Ludgarda Grech et**", Appell Civili, 11 ta' Jannar 1989.

Fl-avviz prezentat quddiem l-ewwel Qorti l-attur qieghed jallega illi huwa d-detentur tal-fond Flat 4 fil-blokk ta' appartamenti Numru 5 Triq il-Merkanti, l-Belt. Mhux hekk biss pero`. Minn dak desumibbli kemm mill-istess avviz kif ukoll mill-provi huwa qieghed jippretendi illi dan hu l-uniku fond residenzjali tieghu, u allura ma ghandux jigi turbat mis-sidien f'dan id-dritt tal-godiment tieghu fuq l-appartament imsemmi bl-operat tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Settembru 2000 (kopja a fol 57) fil-kawza li ordnat l-izgumbrament tieghu minn flat Numru 3. Huwa logiku ghal din il-Qorti illi r-rimedju ghall-attur bl-odjerna kawza tieghu huwa dak li jarresta l-izgumbrament mill-fond okkupat minnu u li, dejjem skond hu, ma jikkorrispondix ghall-istess fond meritu tad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Rebus sic stantibus, anke jekk minghajr ebda riflessjoni tal-meritu, d-dritt avanzat mill-attur huwa allura ta' natura prettament guridiku, u ghalhekk anki apprezzabbli civilment.

L-aggravju tal-konvenut appellant ghalkemm validu minn certa ottika ma jidherx imbaghad li huwa ukoll tenibbli fis-sustanza, u ghalhekk ghal din l-istess raguni qed jigi respint.

Ezawriti l-konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dan l-aggravju, ma jidherx li l-meritu tal-kawza kellu jigi, mbaghad, nkwadrat bil-mod semplicistiku, xott u skematiku traccjat fis-sentenza appellata. Huwa veru illi wiehed ma jistenniex dejjem decizjoni elaborata u ragunata ta' l-argumentazzjonijiet kollha li jkunu wasslu lill-Qorti ghad-decizjoni. Ciononostante, wiehed kien jistenna pero`, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, illi jsir accenn, anke minimali, ghall-provi tal-parti li tkun qed tiddefendi l-posizzjoni taghha. Accenn li manifestament kien juri li l-Qorti ezaminat, analizzat u apprezzat kif jixraq ic-cirkostanzi u l-veduti kollha. Dan ghall-fini li jigi stabbilit

fuq kollox, u apparti ukoll li hekk kien gust u ekwu, illi l-gudizzju kien korrettement indirizzat.

Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu din il-Qorti ma tistax serenament tghid illi f'dan il-kaz ma jinsorgux perplessitajiet li jhallu lil dak li jkun a prima vista fi stat ta' konflitt. Konflitt li jekk jibqa' sostenut anke wara approfondiment tal-provi jiffavorixxi lill-konvenut in kwantu jibqa' dejjem obbligu fuq l-attur illi jipprova sodisfacentement l-allegazzjoni tieghu ("**Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999).

Naturalment dan ma jfisserx illi l-Qorti jkollha taqa' comb fuq l-iskappatoja tar-regola ta' "in dubio pro reo" u ma tiddecidiex il-vertenza b'kuxjenza kwieta. Dan ghaliex kif drabi ohra ritenut "il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha" (**Vol L pII p440**).

Huwa innegabbli li fil-kaz in disamina dawn il-konflitti jezistu u jidher li gew indotti essenzjalment mill-indikazzjoni mpreciza tan-numru tal-flat okkupat mill-attur, izda mhux ukoll necessarjament mill-identifikazzjoni tal-fond innifsu.

L-attur jitlaq mill-premessa fil-korp tal-avviz tieghu illi l-appartament okkupat minnu hu dak li qabel ma dahal fih fl-1984 kien mikri lill-familja Spiteri. Din hi allura l-bazi tal-azzjoni tieghu li fuqha qed jippretendi li jottjeni b'favur it-talba dikjaratorja tieghu illi l-flat minnu okkupat hu dak bin-numru erbgha (4).

Huwa jikkampa dan l-obbjett tieghu preponderentement fuq dawn il-provi:-

1. L-iskrittura ta' lokazzjoni datata 4 ta' Gunju 1984 (fol 154) li fiha jinghad li s-sid Maria Stilon De Piro kienet qed tikrilu l-flat numru erbgha (4);
2. Ir-Registru Elettorali (fol 137 sa fol 153) li juri illi fi zmenijiet differenti l-koppja Spiteri, li flokhom dahal, kienu registrati bhala votanti fuq Flat 4, mentri dak bin-numru 3 kien juri l-konjugi Cordina.

3. Ix-xhieda, fosthom ohtu Mary Comodini (fol 6) u ulied il-konjugi Spiteri, Anna Maria Rosso (fol 2) u l-Arkitett John Spiteri (fol 3), li jistqarru illi l-flat gja detenut mill-koppja Spiteri u issa okkupat mill-attur hu dak enumerat erbgha (4).

Minn naha tieghu l-konvenut appellant jikkontrapponi dawn il-provi:-

1. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Settembru 2000 (fol 57) li kkonfermat id-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera u li waslet ghall-akkoljiment tat-talba tal-izgumbrament tal-attur minn Flat numru 3. Dan wara li dik il-Qorti skartat il-pretiza tal-attur illi hu kien jabita go fond differenti;
2. Ic-cedoli ta' depozitu (fol 39 sa fol 54) li permezz taghhom l-attur kien jiddepozita fil-Qorti l-kera ta' Flat 3;
3. Ix-xhieda principali prodotti minnu li stqarrew illi l-attur iva kif minnu stess ammess (fol 135) kien jabita fit-tielet sular izda pero` fi Flat numru 3. Appartament dan li kif depost mix-xhud Ignatio Cordina (fol 133) kien okkupat mill-familja Spiteri, u sovrastanti dak ta' missieru bin-numru tnejn (2), aktar tard diviz u lokat in parti lill-Avukat Renato Cefai (ara xhieda tieghu a fol 128) u in parti lil Anton Chetcuti Ganado (fol 131).
4. L-iskrittura tat-22 ta' Awissu 1944 (kopja esebita a fol 78) li fuq kollox turi illi lill-familja Spiteri kien gie affittat il-flat numru tlieta (3).

Apparti li dan appena premess gie ghal kollox sorprendentement injorat mill-ewwel Qorti, l-provi, korrettement evalwati, u adoperati s-soliti kriterji tal-kredibilita`, u specjalment dawk tal-konsistenza u tal-verosimiljanza, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderenza taghhom, kellhom isostnu t-tezi konvenuta u mhux dik tal-attur. Hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti illi l-versjoni tal-konvenut appellant, tenut rigward ta' dak appena affermat, kellha titqies l-aktar wahda sostenibbli mill-provi u ghalhekk l-aktar wahda kredibbli.

Il-flat okkupat mill-familja Spiteri, u issa detenut mill-attur, ma jistghax hlief ikun dak bin-numru tlieta, kif hekk a

propozitu jinghad kemm fl-iskrittura originali tal-kirja (fol 78) u hekk accettat ukoll mill-attur  a tempo debito, kif manifest mic-cedoli tieghu ta' depozitu.  Is-sens komun jiddetta illi l-izball fl-enumerazzjoni tal-flat (izda mhux ukoll fl-identifikazzjoni tieghu), u li fuqu l-attur qed jiffonda l-konsiderazzjoni totali tal-kaz tieghu, saret fil-mument tar-redazzjoni tal-iskrittura ta' kera (fol 154) mal-attur.  Zball li minnu issa l-attur qed jipprova japprofitta ruhu izda li ma rnexxielux jaghmel dan fil-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi deciza mill-Qorti ta' l-Appell, kif fuq inghad.  Kif rilevat fis-sentenza a **Vol XXXII pI p230** l-ligi tirrikjedi l-espressjoni cara tal-kawza u tal-oggett tat-talba bl-iskop li l-konvenut jew l-intimat, skond il-kaz, ikunu fi grad li jkunu jafu sewwa ghal x'hiex ghandu jirrispondi.  L-appellat odjern, appellant f'dik il-kawza l-ohra, ma tqieghed f'ebda diffikulta` ta' difiza tieghu minhabba dak l-izball ghaliex dwar l-identita` tal-fond ma kien hemm l-ebda diffikolta` jew dubju.

Din il-Qorti ma ssibx li tista' ragjonevolment tgholli dak l-izball ghal xi stat ta' dritt favur l-attur, u anzi ma tqiesux sufficjenti ghall-konvinciment xort'ohra taghha.  Kif lanqas del resto ma taccetta l-prova li jaghmel ir-Registru Elettorali fil-konfront tac-cirkostanzi maghrufa u tal-provi l-ohra ottenibbli.  Dan anke ghaliex kif drabi ohra ntqal, "ir-Registru Elettorali jikkontribwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun korroborattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konkluziva" ("**Ines Calleja et –vs- Nazzareno Ellul**", Appell, 29 ta' Novembru 1996).  Kif jidher li ma huwiex hekk konklussiv fil-kaz in ispecje billi jirrizulta illi l-attur dahal jokkupa iva l-fond li bhala residenza kellhom il-konjugi Spiteri, izda dan, kif ampjament muri, ma setax hlief kien l-appartament desinjat numru tlieta (3).  Dan kuntrarjament ghal dak li kien jidher, u ghadu jidher, fl-estratti tar-Registru Elettorali esebiti mill-attur.

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma tistax koxjenzjozament hlief li tiddissenti minn dik raggunta mill-ewwel Qorti, u li fil-verita` ma jidherx li taghmel gustizzja mal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-aggravju fil-meritu tal-konvenut appellant u b’hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------